**QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**Illum 25 ta' Settembru, 2020**

**Mandat Nru: 140/2020/2 AF**

**A**

**vs**

**B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet precedenti;

Rat ir-risposta;

Rat id-dokumenti;

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-gurisprudenza rilevanti;

Tqis li r-rikorrenti ma rnexxielux jissodisfa l-vot tal-ligi kif kostantement interpretat minn dawn il-Qrati;

Tqis partikolarment illi: (i) ma tressqet lilha ebda hjiel ta’ prova li s-suspett tar-rikorrenti huwa b’xi mod fondat; (ii) l-abort f’Malta huwa reat kriminali u ghalhekk ir-rikorrenti ghandu jirrikorri ghand il-Pulizija jekk u meta jkun jezisti xi fondament ghas-suspett tieghu; (iii) ma ngabet lilha ebda raguni valida li twassalha xxekkel il-jedd ta’ moviment hieles li tgawdi l-intimata.

Il-Qorti ma tqisx xieraq fil-kuntest illi tindaga l-allegazzjonijiet serjissimi ta’ vjolenza domestika li ghandhom jigu mistharga fil-forum opportun.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tas-17 ta’ Settembru, 2020.

Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF